KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 16** **It- Tlieta 24 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (Minority Leader)
Chris Grech – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi rċieva tlett ittri t' apoloġija mingħand il-Kunsillier Grech, il-Kunsillier Portelli u l-Minority leader Anthony Agius Decelis. It-talbiet ta' skuża ġew milqugħa mill-Kunsilliera preżenti nem. con.

**16.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 14,15**

**16.2.1 Approvazzjoni ta' Minuti numru 14 u 15**
Il-Minuti numru 14 u 15 kienu approvati mill- Kunsillieri preżenti nem.con. mingħajr korrezzjonijiet jew emendi.

**16.2.2 Aġġornamenti ta' Minuti numru 14**

**14.5.1.1 Tender għat-tiżjin tal-Milied**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tender relatat mat-tiżjin tal-Milied għas-sena 2025 qiegħed fl-istadju finali ta' tħejjija, u bħalissa qed jistenna biex jiġi ppubblikat fuq is-sistema elettronika tal-Gvern għall-proċessi ta' tenders (EPPS). Ladarba dan jitla' fuq is-sistema, il-Kunsill ikun jista' jsegwi l-proċess u jkompli bid-deċiżjonijiet meħtieġa skont ir-rispons li jasal.

**14.5.1.2 Street Sweeping Tender**

Is-Sindku rrimarka li l-proċess ta' evalwazzjoni tat-tender għat-tindif tat-toroq daħal fi stadju avvanzat. Il-Bord tat-Tenders ser jiltaqa' sabiex jevalwa d-dokumenti u l-offerti kollha sottomessi, b'mod komprensiv. Wara li jsir dan, ir-rapport tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Bord se jitpoġġew fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex jittieħdu deċiżjonijiet formali.

**14.5.2 Parks and Gardens Tender**

Il-Kunsill qed jaħdem fuq l-abbozzar ta' tender ġdid relatat mal-manutenzjoni u ż-żamma tal-parks u l-ġonna fil-lokalità ta' Mosta. Bħala l-ewwel pass, ġiet ingaġġata arborista professjonali, li bħalissa qed iżżur iż-żoni kollha rilevanti biex tagħmel inventarju dettaljat tas-siġar u l-arbuxelli eżistenti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. L-informazzjoni miġbura minn dan l-istudju se tintuża bħala parti fundamentali fid-dokumentazzjoni tat-tender sabiex l-obbligi tal-kuntrattur ikunu ċari u mmirati lejn is-sostenibbiltà u l-kura xierqa tal-ispazji ħodor.

**14.5.3 Newsletter tal-Kunsill**

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li n-newsletter uffiċjali tal-Kunsill Lokali, li fiha jkun hemm aġġornamenti dwar il-ħidma tal-Kunsill kif ukoll diskorsi mingħandu, mis-Sindku, u mill-Minority Leader, ġiet posposta. Il-ħruġ tagħha hu skedat għall-ewwel ġimgħat ta' Lulju 2025.

**16.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**16.3.1 SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**

Il- Kunsilliera Bayliss preżentat xi idejat għall- iskema fis- suġġett fejn il- ħsieb huwa illi l-Kunsill jippjana biex isir *dog park* u/jew *family park* f' żona identifikata fi Triq il- Farinal. Il-Kunsilliera Bayliss u s- Sindku ser jorganiżżaw laqgħa mal- Perit tal-Kunsill sabiex il-proposta tkun studjata sew sabiex tkun sottomessa.

**16.3.2 PA3896-25**

Is-Sindku preżenta ir-rakkomandazzjoni tal-Perit tal-Kunsill sabiex jissottometti rappreżentazzjoni għal-iżvilupp f'referenza fis-suġġett. Din ser tkun iċċirkolata mal-

Kunsillieri sabiex jagħtu l-idejat u l-proposti tagħhom sabiex tiġi sottomessa l- ittra ta' rappreżentazzjoni tal- Kunsill.

**16.3.3 SPI/SCI/02/2025 – Skema għall- attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026**
Il- Kunsilliera Bayliss u s- Sindku nfurmaw lill- Kunsillieri illi din l-iskema ġiet aċċetta mid-DGL, fejn il- Kunsill ser ikun allokat €16,600 VAT inkluż, fejn il- Kunsill ser ikun iffinanzjat 75% tas- somma allokata.

**16.3.4 Aġġornament fuq Proġett M4.3 (EU)**
Is- Sindku stqarr mal- Kunsillieri illi kien hemm xi aġġornamenti fuq il- proġett M4.3 fejn kien inizjalment propost illi ssir it-Triq San Pawl tal- Qliegħa. Peress illi din it- Triq ser tieħu wisq żmien biex titlesta, il-Kunsill għandu bżonn jidentifika triq ġdida. Madankollu, Infrastructure Malta qablu illi dan il- proġett fi Triq San Pawl tal- Qliegħa ser isir xorta.

**16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

16.4.1 Mistoqsijiet mill- Kunsillier Grech bi tweġibiet sottolinjati

1. Tista' tibgħatilna kopja tal-kwotazzjonijiet li daħlu rigward it-tisqija EXTRA għax-xahar ta' Ġunju 2025?

<u>Dan ix-xogħol bil-kuntrattur magħżul inbeda nhar it-Tnejn 9 ta' Ġunju. Aħna qbilna li kull żona minnhom fil-lista (siġar u arbuxelli mħawla fit-8 leġislatura), addizzjonali barra l-kuntratt, se tissaqqa darbtejn fil-ġimgħa.</u>

<u>Il-kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill huma kif ġej:</u>

- <u>Victor Bonavia – €200 kull bowser inkluż VAT – Użu stmat: €2,400 fix-xahar</u>
- <u>Luciano Baldacchino – €212 kull bowser inkluż VAT – L-ebda stima ta' użu pprovduta</u>
- <u>C & S – €990 kull bowser inkluż VAT – Użu stmat: €5,000 fix-xahar</u>
- <u>Anthony Borg – L-ebda prezz għal kull bowser ipprovdut – Użu stmat: €7,000 fix-xahar</u>

2. Tista' tpoġġi fuq il-mejda bil-miktub fejn inżammet it-tisqija fl-ewwel ġimgħa mid-9 sal-14 ta' Ġunju, u fit-tieni ġimgħa mis-16 sal-21 ta' Ġunju 2025?

<u>Il-Kunsill qed jiġbor l-invoice sabiex dan ikun kwantifikat.</u>

3. Tista' tgħidilna kemm inħela ilma f'dawn iż-żewġ ġimgħat ta' tisqija? Minħabba li din it-tisqija se titħallas bil-littri, u peress li l-Kunsillier Thomas Demartino qed ikun preżenti waqt it-tisqija, allura żgur għandu din l-informazzjoni?

Il-Kunsill qed jiġbor l-invoice sabiex dan ikun kwantifikat.

4. Tista' tgħidilna jekk il-kuntrattur għandux pjan bil-ġimgħa bil-quddiem dwar fejn se jsir it-tisqija, jew qed jitħalla jiddeċiedi waħdu? Is-serjetà titlob li jkun hemm pjan, u għalhekk qed nitlob li bħala Kunsilliera jkollna wkoll dan il-pjan bil-quddiem?

Il-Kunsill qed jiġbor l-invoice sabiex dan ikun kwantifikat b'mod preċiż.

5. Il-kuntrattur tal-Kunsill għadu qed jagħmel ix-xogħol tiegħu skont il-kuntratt? Għax qed nara ħafna żoni b'ħaxix ħażin, mhux msaqqija, traskurati u mitluqa. Jekk le, x'inhu l-pjan u tista' tinfurmana? Jekk iva, jista' l-Kunsilliera jkollhom l-informazzjoni dwar fejn ħadem u saqqa l-kuntrattur kull ġimgħa?

Il-kuntrattur tal-Kunsill għadu qed jagħmel ix-xogħol tat-tender tiegħu, mingħajr "extras", sakemm jinħareġ tender ġdid.

6. Bi tħejjija għall-ħruġ tat-tender tal-landscaping, fl-aħħar laqgħa semmejna li b'urġenza l-Kunsill irid jiġbor kwotazzjonijiet għas-servizz ta' arborista. Inġabru dawn il-kwotazzjonijiet?

Arborista ġiet ingaġġata wara serje ta' ġabra ta' kwotazzjonijiet u waslet sabiex tiffinalizza x-xogħol. Qabel dan, se tiġi organizzata laqgħa sabiex tkun diskussa r-riċerka li saret qabel ma tingħalaq.

7. Meta jkun hemm kwotazzjonijiet meħtieġa, għaliex il-Kunsilliera ma jingħatawx kopja ta' dawn il-kwotazzjonijiet sabiex min hu interessat iġib kwotazzjoni wkoll ikun jista'? Għaliex ma jkunx hemm 'deadline' meta jagħlqu l-kwotazzjonijiet?

Il-procurement huwa xogħol u responsabbiltà tal-uffiċċju. Il-kwotazzjonijiet ġew ippreżentati fil-laqgħa, u dan dejjem isir b'mod trasparenti.

8. B'referenza għall-lista msemmija hawn taħt fejn mietu siġar, il-Kunsill se jħawwel oħrajn fejn mietu? Jew fejn kien responsabbli l-kuntrattur tat-tisqija u mietu, il-Kunsill se jesigi li dawn jinbidlu skont il-ftehim?

Dan għadu ma ġiex ikkonfermat. Se tiġi msejħa laqgħa mal-ġardinar sabiex dan ikun diskuss.

### 16.5 Rapporti

#### 16.5.1 Mozzjoni : Studju dwar il-Kapaċita ta' Tolleranza ta' l-Iżvilupp – 'Carrying Capacity'

Is-Sindku preżenta il-mozzjoni fis-suġġett li tirrigwarda il- carrying capacity tal- lokalità fejn il-Kunsill jixtieq jagħmel proposta lil- Gvern Ċentrali biex isir studju fil-Lokalita tal-Mosta sabiex isir studju ta' *Carrying* Capacity. Il-Kunsillieri qablu nem. con.

**16.5.2 Ticketing System**

Kienu mistiednin għal-laqgħa tal-Kunsill persuni sabiex jippreżentaw sistema ta' *ticketing* fejn tista tiġi inkorporata fid-dipartiment tal-*customer care* u l-*front office*. Il-Kunsillieri qablu illi din is-sistema tiġi installata bi prova għal żmien ta' xahar umbad ikun diskuss jekk din is-sistema għandhiex tiġi inkorporata.

**16.5.3 Belvedere Presentation Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Il- Perit tal- Kunsill preżenta il- proposta tal- proġett tal- ERA fi Ġnien l-Għarusa tal- Mosta fejn ser isir proġett ta' riġenerazzjoni tal- ġibjun, kif ukoll bankijiet, siġar, dwal u kopertura sabiex din iż-żona tingħata ħajja ġdida. Il-Kunsillieri qablu unanimament ma din il- viżjoni, kif ukoll qablu sabiex il-Perit tal-Kunsill, flimkien mal-ERA, jissottomettu il- pjanijiet għal-permessi.

**16.5.4 Audited Financial Statements 2024**

L-Accountant tal-Kunsill daħal fil-laqgħa tal-kunsill biex jippreżenta l-accounts sal-aħħar ta' Diċembru 2024 wara li għadda il- proċess tal-awditjar. Id-dejn tal tal-Kunsill irriżulta li kien ta' €786,478 sal-aħħar tal-2024 fejn fl-2023 kien €217,225, hekk kif ikkonfermat mill- awdituri. Ma kien hemm ebda korrezzjoni notevoli u għaldaqstant, il-Kunsillieri preżenti qablu nem. con. mal-figuri tal-istatements awditjati; kien hemm qbil li dawn jintbagħtu lill- awdituri u dipartimenti kkonċernati.

**16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**16.6.1 Skeda tal-Pagamenti**

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 162 kienet approvata nem. con.

**16.6.2 Purchase Orders**

Il- lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata nem. con.

**16.6.3 Works Orders**

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata nem. con.

**16.6.4 Petty Cash**

Il- lista ta' Petty Cash ippreżentata kienet approvata nem. con.

**16.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet uffiċjalment fis-8:27 p.m. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti li l-Laqgħa Numru 17 tal-Kunsill Lokali se ssir nhar it-Tlieta, 22 ta' Lulju 2025, fl-uffiċini tal-Kunsill.

Barra minn hekk, ġie miftiehem li l-Laqgħa Numru 18 tkun skedata għal nhar it-Tlieta, 26 t'Awwissu 2025.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |